MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 721/2009

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Xemxija Estates Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2009 li permezz tiegħu r-rikorrenti ppremetta:

1. Illi, permezz ta' diġriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Marzu 2009, hawn esebit u mmarkat Dok A, il-Qorti Ċivili Prim Awla, fuq talba ta' Mario Blackman, kienet ddikjarat lis-soċjeta' intimata Xemxija Estates bħala responsabbli talli għamlet xogħlijiet ta' skavar u kostruzzjoni fuq parti mill-art meritu tal-

Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 544/2006 bi ksur tal-istess Mandat u tal-Ordni ta’ din il-Qorti datat 10 ta’ April 2006;

2. Illi, permezz tal-istess digriet, il-Qorti kkundannat lis-soċjeta’ Xemxija Estates Limited sabiex, sa żmien tlett xhur mid-data tad-digriet, tirrimedja għal kull vjolazzjoni li għamlet;

3. Illi, fl-aħħar nett, l-istess Qorti, filwaqt illi għamlet referenza għar-rikjesta sabiex s-soċjeta’ intimata tinstab ħatja ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti, astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tat-talba peress illi ntavolata minn Mario Blackman u ordnat mir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, *a tenur* tat-Titolu XVII tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jieħu kull azzjoni opportuna;

4. Illi għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, tgħid is-soċjeta’ intimata għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Issib lis-soċjeta’ intimata ħatja ta’ disprezz kontra l-awtorita’ tagħha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjeta’ intimata għall-pieni indikati fl-istess artikolu u tikkundannaha għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għal multa u priġunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimata *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimata;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjeta’ intimata in subizzjoni, u bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata, ppreżentata fid-9 ta' Settembru 2009, li permezz tagħha Charles Polidano f'isem is-soċjeta' intimata, kif debitament awtorizzat, jikkonferma:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;

2. Illi l-ispejjeż tal-kawża m'għandhomx jiġu sopportati mill-konvenuti;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-soċjeta' intimata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimata.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mressqa mill-attur wara li l-konvenuti ġew ordnati biex jieqfu mix-xogħlijiet imsemmija fir-rikors promotur. Dan sar in segwitu għar-rikors ta' Mario Blackman u d-digriet tal-Qorti illi ordnat li ssir din il-kawża

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta,

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa ... Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (****In re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Civili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella" –*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi l-attur għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546.

Illi kif ġia' ingħad, il-konvenut qed isostnu li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Madankollu skond id-depożizzjoni tal-imsemmi Blackman jirriżulta ċar illi s-soċjeta konvenuta baqgħet taħdem fuq il-post u dan anke wara li kellhom l-ordni tal-Qorti biex jieqfu. Is-soċjeta' konvenuta ma ppartecipatx fil-proċeduri ħlief bil-preżentata tar-risposta ġuramentata. Għalhekk ma ressqet ebda prova biex tirribatti x-xhieda msemmija.

Illi l-Qorti jidhrilha li min jinjora, kif għamlet is-soċjeta' konvenuta, ordni daqshekk ċara tal-Qorti għandu jiġi punit bil-priġunerija iżda billi m'għandiex indikazzjoni ta' persuni (individwi) responsabbli għall-akkadut ma tistax tagħmel

dan; madankollu se tordna l-ħlas ta' multa għal kull jum li din l-ordni ma tkunx rispettata u obduta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u *ai termini* tal-artikoli 997 *et sequitur* tal-Kap. 12 tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur ammenda ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), u tordnalha tottempera ruħha mal-ordni tal-Qorti fuq imsemmija billi tieqaf b'effett immedjat mix-xogħlijiet msemmija. F'każ li ma tagħmilx dan tibda tiddekorri ammenda ta' tletin Euro (€30) għal kull jum li tibqa' ma tagħmilx dan, pagabbli minnha lill-attur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------